# IT-TAQBIL
## FOLKLORISTIKU
# F'BORMLA
### U TAGĦRIF DWARU

**Angelo Dougall**

Fil-folklor Malti donnu li kien hemm daqsxejn ta' nuqqas ta' fehma dwar dak li hu TAQBIL u dak li hu GĦANA. Fost l-istudjużi tal-Folklor kien hawn min kellu l-idea li l-"Għana" u t-"Taqbil" huma xorta; xi studjużi u kittieba ħalltuhom flimkien. Ma kienux u m'humiex! L-"Għana", kif kulħadd jaf hu l-għana folkloristiku li jinstema' f'kull rokna tal-gżejjer tagħna mill-għannejja. It-"Taqbil" kien l-aktar jingħad fit-Tlett Ibliet (Il-Kottonera), u l-aktar ġo Bormla. Issa tassew ħasra li nqata' u m'għadekx tisimgħu aktar. Bid-differenza li t-taqbil kien fil-forma ta' rakkont li drabi kien jintqal bil-kantaliena u kien ukoll ikun deklamat. Ħafna drabi kien jintqal speċi bħal makkjetta, jew minn xi ħadd li jrid juri l-ħila tiegħu għat-taqbil. Nistgħu insejħulu għana bla mużika. Issa m'għadniex nisimgħuh.

X'kien it-"Taqbil"? Xi kittieba barranin innotawh dan, u semmewh fil-kotba tagħhom, għalkemm bħal George Percy Badger fil-ktieb tiegħu *Description of Malta and Gozo*, 1838, isemmi li kemm it-"Taqbil" u kemm l-"Għana" huma xorta waħda u l-istess. Badger ma daħalx fl-ispirtu tat-"taqbil" fih innifsu, waqt li ħallat it-"taqbil" ma' l-"għana", jew ma fehemx il-metodu tiegħu folkloristiku l-aktar fost il-ħaddiema tal-Kottonera. Il-Kavallier Saint Priest ħallielna għanja bil-Malti fil-ktieb tiegħu bil-Franċiż dwar Malta *Malte Par un voyageur*, 1791, imma lanqas ma tagħna ħjiel jew xi tagħrif dwar it-"taqbil". Badger semmieh biss, u qal: ". . . this the natives call "Taqbeel". The subjects vary according to the circumstances, sometimes partaking of the nature of epic poetry. . . " (. . . dan il-Maltin isejħulu "taqbil", is-suġġett ivarja skond lċ-ċirkustanzi, kultant jieħu l-forma ta' poeżija epika. . ."). Imma fost kollox Badger jgħid li l-Maltin lħobbu jqabblu għall-gost.

## IT-TAQBIL F'BORMLA

It-Tlett Ibliet barra li kellhom il-folklor tagħhom, kienu l-benniena tal-mistier tal-baħar, u għal dan Malta kienet magħrufa mad-dinja. Imma l-folklor marittimu kemxejn ma ntilifx meta n-nies ta' dawn l-ibliet ġew evakwati u tferrxu ma' Malta kollha fl-aħħar Gwerra Dinjija (1939-1945).

Meta Napuljun Bonaparte ħakem lil Malta u keċċa l-Kavallieri ta' San Ġwann, barra li kien l-ewwel bniedem li sejjaħ lill-Birgu, lill-Isla u lil Bormla bħala *Le Trois Cite'* (It-Tlett Ibliet), hu nnifsu b'digriet tat-13 ta' Ġunju 1798 (*Arrete du 25 Prairal An VI*) ifforma l-Muniċipju tal-Lvant tal-Belt ta' Malta. Il-flotta tal-Ordni waqqgħet taħt idejh u ħa miegħu għall-invażjoni u l-ħakma ta' l-Eġittu lill-baħħara Maltin li l-parti l-kbira kienu minn dan il-lokal; u b'hekk ukoll min jaf kemm folklor marittimu Malti ntilef! Imma xi ftit minn dak il-folklor marittimu baqa' jintqal għal bosta snin wara.

Bħalma l-"Għana" jaqa' taħt ħafna forom, hekk ukoll it-"Taqbil" jaqa' taħt xi forom differenti. Jien insejjaħlu "taqbil la Bormliża" għax l-aktar li smajtu jingħad kien ġo Bormla. It-"Taqbil" ħafna drabi kienu jitgħallmuh bl-amment u kienu ħafna li jiddilettaw bih. Kienu jgħadduh minn ġenerazzjoni għal oħra. Kienu jgħiduh bil-lajma, wisq drabi jiddeklamawh waqt xi serata, jew jingħad minn fuq ir-ribalta tal-palk f'xi intervall waqt it-tibdil tax-xeni. Ġieli wkoll jgħiduh għad-delizzju, waqt xi laqgħa soċjali, biex jehdew u biex juri ħilithom fit-taqbil. It-"Tabqil" kien ikun tgħarbil il-moħħ għas-sejba ta' kliem jaqbel. Mhux magħruf jekk qattx inkiteb xi taqbil jew xi tagħrif fuqu.

L-aktar kien isir fejn ix-xogħol kien monotonu. Kienu jqabblu fuq ħafna suġġetti, fjuri, għamara, id-dar, l-ikel, il-kċina, il-ħut, u affarijiet oħra. Kien isir taqbil dwar snajja': il-ħaddieda, il-mastrudaxxi, l-ebbanisti, sajjieda, sillara, skrapar, eċċ. It-"Taqbil" kien isir ukoll waqt it-tħaddim ta' l-argnu fit-tarzna waqt li jkun qed jiddaħħal xi bastiment fil-baċir. Kien xogħol iebes u ta' ksir id-dahar u waqt li l-ħaddiema kienu jdawru l-manwelli tal-argnu, kien ikun hemm nies għal t'apposta magħrufa għat-Taqbil"; fost l-oħrajn kien hemm Leli Casha, il-Bronk, raġel mibni b'saffejn, Bormliż u kien gwapp għal dan it-"Taqbil". Kellu sens ta' umoriżmu, kien ferrieħi, idaħħak u dħuli.

Ix-xogħol tal-brim tas-sigarri kien monotonu u metodiku, u biex iderru waqt ix-xogħol il-barrama kienu jħobbu jqabblu bejniethom. Zolli Bajada tas-Sajjied l-aktar waħda li bqajt niftakar fost il-barrama tas-sigarri. Kienet minn-naħa ta' San Ġwann t'Għuxa. Niftakar ukoll lil Ċikka l-Kalora, li mingħalija kienet minn-naħa tal-Bastjun. Zolli, daqs kemm kienet, biex ngħid hekk, tbeżżagħni bil-bixra ta' wiċċha, kienet mara li tiġbdek bil-manjieri twajba tagħha. Kuġinti Ġulja (Busuttil nee' Dougall) fakkritni f'nisa oħra barrama tas-sigarri: Ċikka tal-Bastjun, Mananni l-Kokka mill-Bastjun ukoll, u f'Ċensa li kienet toqgħod qrib is-Suq il-Ġdid ta' Bormla; dawn kollha kienu għannejja tajbin li kultant kienu jinfexxu f'xi għanja "spirtu pront" jew "La Bormliża", barra li kienu jagħtuha wkoll għat-"Taqbil". Nannti Vitor li kienet, biex ngħid hekk, il-prinċipala tal-fabbrika, mhux talli kienet tħallihom, imma kienet tieħu pjaċir bihom għax kienu nisa twajba u tal-familja, basta l-għana u t-taqbil ikun nadif.

Iż-żminijiet jinbidlu u jinbidlu wkoll id-drawwiet. Daż-żmien jitwaħħlu loudspeakers fil-ħwienet tax-xogħol u l-uffiċini li minnhom tixxandar mużika u kant, u l-ħaddiem b'hekk jinżamm aljenat mill-monotonija tax-xogħol. Sas-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija

(1939 - 45) tas-seklu l-ieħor ma kienx hekk; waqt li xi persuna jew tnejn iqabblu bejniethom, il-ħaddiema l-oħra kienu joqgħodu jisimgħu u jsegwu t-"Taqbil" u l-"Għana" u dak kollu li jkun qiegħed jingħad. F'żogħriti niftakru hekk u l-aktar li sirt naf fuqu meta kont inkun għand nannieti Bormla fil-fabbrika tagħhom tat-tabakk u l-manifattura tas-sigarri fi Strada Nuova qrib il-mina ta' Santa Liena. Il-ħaddiema tat-Tarzna kellhom it-"Taqbil" tas-snajja' tagħhom, u kellhom id-dilettanti tat-"Taqbil" dwar is-sengħa tagħhom.

It-"Taqbil" folkloristiku kellu forom differenti. L-aktar forma li kienet tintqal kienet dik li meta persuna tqabbel waħidha. Kien hemm ukoll meta tnejn iqabblu bejniethom u jalternaw il-versi u l-kwartini. Apparti mit-taqbila **"Il-Ftila u l-Mila"** li kienet bl-immaljar tal-kliem imqabbel, it-taqbil kien ta' A-A, B-B, l-ewwel żewġ versi A-A li kienu b'taqbil moħfi, u t-tielet u r-raba' vers B-B bit-taqbil tronk. Ma kienx hemm wisq metrika fil-vrus, imma **t-taqbil** kien l-importanti.

## IT-"TAQBIL" FIL-FOLKLOR MALTI

It-"Taqbil" kien parti importanti tal-folklor Malti li ġie injorat u kważi ntesa. Inħoloq kemm għall-passatemp u kemm sabiex iderru mill-monotonija tax-xogħol. **Il-folklor Malti ssawwar tagħna f'tagħna, fl-iżolament tal-gżejjer tagħna u ma kellu influenza minn imkien. Sar bla mbuttar, bla ndħil barrani, bla kkupjar u bla sfurzar. Il-poplu in ġenerali kien bla skola, nieqes mit-tagħlim u b'edukazzjoni limitata. Kulma għamel kien għalih, għad-delizzju tiegħu u għall-mogħdija taż-żmien. Jekk kien hemm xi xebħ u xi paralleliżmu ma' x'imkien ieħor, kien aċċidentali. Għal bosta mijiet ta' snin Malta kellha ftit tassew kuntatti ma' kultura barranija; u l-aktar li kellha kuntatti kienu kummerċjali, ma' l-eqreb ġara tagħna Sqallija. Il-barranin li ħakmuna kellhom influenza fuqna biss ġeografikament, u militarment. Aħna l-Maltin għandna li għandna fil-folklor tagħna għax ħloqna minn tagħna stess, bil-ħila tagħna u għall-bżonnijiet tagħna.**

Xi emigranti Maltin xjuħ li marru Detroit, l-Amerka fl-ewwel snin tas-seklu l-ieħor (is-Seklu Għoxrin) qaluli li kienu raw ħafna xebħ fil-folklor u fi drawwiet tagħna ma' dawk ta' emigranti minn pajjiżi oħra. Dan kien paralleliżmu aċċidentali fil-folklor ta' ġnus oħra tax-xtut tal-Mediterran u ssawwar minnhom l-aktar minn ħtieġa tal-ħajja li kienu jixbħu dawk tagħna.

Dwar it-"Taqbil" jista' jinkiteb ħafna. Niftakarhom sewwa l-barrama tas-sigarri fil-fabbrika ta' nannieti f'Bormla li waqt li jkunu jobormu l-faxex tat-tabakk biex jagħmluhom sigarri, xogħol li hu metodiku, ripetittiv u jdejjaq, kienu jżommu ruħhom okkupati, alerti u mehdijin bit-"Taqbil". Ġieli tkun weħidha Zolli tqabbel b'mod reċitattiv u bil-lajma, taħdem waqt li taħseb x'se tqabbel. Ġieli kienu jkunu tnejn iqabblu bejniethom; Zolli ma' Ċikka l-Kalora; imma tabilħaqq li l-barrama kollha jkunu għassa ta' xulxin għal kulma jkun qed jingħad ħalli la jitfixklu u lanqas jirrepetu ruħhom.

## "TAQBIL" IMMALJAT

Kien hemm it-"Taqbil", kif insejjaħlu jien, "immaljat" u għal dan kien jinħtieġ ħsieb u sengħa kbira. Lil Zolli kultant kont nitlobha ħalli tgħidli it-taqbila tal-**"Ftila u l-Mila"** u din l-imbierka Zolli kienet tgħidli l-verżjoni l-qasira ta' dik it-"Taqbila". Inġib silta minnha ħalli naraw id-differenza bejn taqbila "sempliċi" u taqbila "mmaljata". Din kienet popolari ħafna, u ħafna nies kienu jafuha. In-Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini (1911-1997) poeta, u li kien bniedem magħruf ħafna għall-letteratura, darba kien qalli li jiftakar lil ommu (Evangelista nee' Aquilina) tgħid din it-"Taqbila" folkloristika sikwit. Mill-Gwerra Dinjija (1939-45) 'l hawn ma smajthiex aktar!

**Il-Ftila u l-Mila**

**Il-ftila u l-mila,**
**Il-musbieħ irid il-ftila,**
**L-lmnara m'hix musbieħ,**
**Minn hu ikraħ m'hux sabiħ,**
**Is-sabiħ m'huwiex ikrah,**
**l-għaref m'huwiex iblah,**
**l-iblah m'huwiex għaref,**
**Il-furketti m'humiex ingħaref,**
**L-imgħaref m'hux furketti,**
**U l-peduni m'hux kalzetti,**
**Il-kalzetti m'hux peduni,**
**It-tiġieġ m'humiex paguni,**
**Il-paguni m'humiex tiġieġ,**
**Għerusija m'hijiex tieġ.**
**. . . . . eċċ, eċċ**

u xi drabi tkompli biha fit-tul. Kien hemm ħafna verżjonijiet ta' din it-"Taqbila" mmaljata u kien hemm verżjoni qasira. Ħafna drabi kienu jibqgħu sejrin biha ġranet sħaħ. Niftakar li kienet tispiċċa b'terminoloġija tabilħaqq marittma:

**Il-ħabel m'huwiex stoppa,**
**Pruwa 'l fuq u riħ in poppa!**

L-Għada kienu l-barrama jkomplu t-"Taqbila" mnejn ħallew il-ġurnata ta' qabel.

Naraw li fit-"Taqbil" kollox hu fin-negattiv bil-kliem: mhux, ma hux, ma hix, m'hix, m'huwiex, m'humiex u lema. Għalkemm bosta vrus minnhom huma mfasslin b'ritmu, imma biss jitqabblu u mhux poeżija.

It-taqbil m'hu xejn ġdid fil-folklor. Donnha qiegħda f'demmhom il-ġnus u t-tribujiet semitiċi fosthom kienu l-Kangħanin (il-Feniċi) li kienu jħobbu jqabblu l-kliem u jgħarblu moħħhom għal dan. Fit-Testment il-Qadim tal-Bibbja Mqaddsa it-"Taqbil" jissemma ħafna drabi u kien differenti mill-"Għana", u meqjus li kien differenti mill-"Għana". Ġieli kemm it-"Taqbil" u kemm

l-"Għana" jissemmew flimkien. Naqraw f'wieħed mill-kotba tas-Slaten kif darba s-Sultan David stqarr li jibża' li jekk jitlef il-battalja "jqabblulna xi taqbila u jwaqqgħuna għaż-żufjett. . ." It-"Taqbil" kienu jeħduh tabilħaqq bis-serjeta'! Naqraw ukoll fil-Ktieb tal-Profeta Ħabaqquq, li għex fis-seklu sebgħa qabel Kristu, li għamel referenza għat-"Taqbil". Skond it-traduzzjoni ta' Zammit (Ħabaqquq 2.6) Ħabaqquq kiteb: ". . . ma jqabblux dawn kollha għalih **taqbila** iwaqqgħuh għaċ-ċajt?. ." u skond Saydon ". . . Ma jqabblux dawn kollha għalih **taqbila** u jgħidulu għanja niggieża?. . ." Fil-Ktieb tal-Profeta Mikah, (Mikea 2.4) li ukoll għex fis-seklu sebgħa qabel Kristu fejn kiteb" "F'dak il-jum iqabblulkom **taqbila**, (skond it-traduzzjoni ta' Saydon). Fil-Ktieb tas-Slaten II 4.32 hemm illi s-Sultan David, barra li kiteb is-Salmi kien ukoll għannej u ħalla elf u ħames għanjiet, u li kiteb ukoll it-Taqbil. Biss ma jidhirlix li fil-Bibbja nsibu "Taqbila" waħda biss minnhom!

## IT-"TAQBIL" FOLKLORISTIKU FI ŻMIENNA

Fi żmienna għadu jsir it-"Taqbil", l-aktar b'tgħajjir (għanjiet niggieża) fl-ibliet u l-irħula bejn il-partitarji ta' każini rivali. Dan ilu ħafna jsir; niftakru minn qabel il-Gwerra Dinjija (1939-45) tas-seklu l-ieħor. Insibu bħal:

> **"Ta' ------------ ħallelin,**
> **Serqu tazza mill-każin!"**

jew

> **"Magħna ma tagħmlu xejn,**
> **Għax aħna daqskom darbtejn!"**

U "taqbil" ieħor li jsir wisq drabi waqt il-marċi tal-festa, u jsir tgħajjir imqabbel bejn każini tal-banda, u wkoll bejn il-partitarji tal-futbol. Baqa' tabilħaqq wieħed xi jsib dwar dan is-suġġett tat-"Taqbil" folkloristiku.

Bħala eżempju ta' kif kien isir it-"Taqbil" bejn tnejn se nġib din it-"Taqbila" jisimha "Il-Ħaddied", li għalkemm kien qalhieli Mikiel Agius, qiegħed inġibha kif kienu jalternaw il-versi fit-taqbil tagħhom il-barrama tas-sigarri Zolli tas-Sajjied **(Z)** u Ċensa l-Kalora **(Ċ)**.

## IL-ĦADDIED

**Z: Forġa m'hix ċumnija,**
**Ċ: Forn m'hux funderija,**
**Z: Ġamar m'huwiex nar,**
**Ċ: U foga m'hijiex fwar,**

**Ċ: Martell m'huwiex mazza,**
**Z: Faħam m'hux gagazza,**
**Ċ: Ċpar m'huwiex duħħan,**
**Z: U min hu mxarrab mhux għarqan**

**Z: Ħadida m'hix inkwina,**
**Ċ: Ħolqa m'hix katina**
**Z: Xibka m'hijiex sprall,**
**Ċ: U molla m'hix spirall,**

**Ċ: Mejlaq m'huwiex mola,**
**Z: Rampil m'hux tarjola,**
**Ċ: Granpun m'hux musmar,**
**Z: U bronz m'huwiex azzar,**

**Z: Kurazza m'hix sidrija,**
**Ċ: Satal m'hux bettija,**
**Z: Elmu m'hux kappell,**
**Ċ: U ċirku m'hux anell.**

**Ċ: Labarda m'hix lanzetta,**
**Z: Kazzola m'hix paletta,**
**Ċ: Skalpell m'huwiex spnar,**
**Z: U suffarelli m'humiex xrar,**

**Z: Pied m'huwiex linja,**
**Ċ: Qarsa m'hijiex tinja,**
**Z: Stann m'hux saldatur,**
**Ċ: U għarbiel m'hux passatur,**

**Ċ: Serratizz m'hux serratura,**
**Z: Gwarniċ m'huwiex burdura,**
**Ċ: Nugrufun m'huwiex ġmied,**
**Z: U għabra m'hix irmied,**

**Z: Firroll m'huwiex ganġetta,**
**Ċ: Muftieħ m'huwiex ċavetta,**
**Z: Sokra m'hix katnazz,**
**Ċ: U linfa m'hijiex brazz,**

**Ċ: Imqass m'huwiex tnalja,**
**Z: Forma m'hijex talja,**
**Ċ: Brunzar m'huwiex fundier,**
**Z: U ħaddied m'huwiex landier,**

**Z: Lasta m'hix forċina,**
**Ċ: Xabla m'hix sikkina,**
**Z: Manku m'huwiex għant,**
**Ċ: U l-imgħallem m'hux lavrant,**

**Ċ: Raspa m'hix raxketta,**
**Z: Għalaq m'hux ċappetta,**
**Ċ: Tartru m'hux sadid,**
**Z: U landa m'hix ħadid,**

**Z: Virga m'hix bakketta,**
**Ċ: Midra m'hix furketta,**
**Z: Foxxna m'hix furkettun,**
**Ċ: U staffa m'hijiex xprun,**

**Ċ: Nagħla m'hix żarbuna,**
**Z: Xoffa m'hix żennuna,**
**Ċ: Snien m'humiex dras,**
**Z: U ponta m'hijiex ras,**

**Z: Grada m'hix gradilja,**
**Ċ: Barraxa m'hix xkupilja,**
**Z: Torċa m'hix fanal,**
**Ċ: U travu m'hux puntal,**

**Ċ: Lieva m'hix stasija,**
**Z: Ħawt m'huwiex lembija,**
**Ċ: Labra m'hix splengun,**
**Z: U nħasa m'hix kaldarun,**

**Z: Ħuġġieġa m'hijiex vampa,**
**Ċ: Gandlier m'huwiex lampa,**
**Z: Stanga m'hix lukkett,**
**Ċ: U lanza m'hix stallett,**

**Ċ: Girlanda m'hix kuruna,**
**Z: Mgħażqa m'hix zappuna,**
**Ċ: Fies m'huwiex baqqun,**
**Z: U ċintorin m'huwiex kurdun,**

**Z: Sejf m'huwiex mannara,**
**Ċ: Ganċ m'huwiex sunnara,**
**Z: Kartell m'hux patalott,**
**Ċ: U fejn hu qoxqox m'huwiex xott,**

**Ċ: Minfaħ m'hux rewwieħa,**
**Z: Morsa m'hix fettieħa,**
**Ċ: Rota m'hijiex fus,**
**Z: U min hu godli m'hux pespus.**

U Mikiel qalli: "u daqshekk niftakar".



**Mikiel Agius**

Din it-"Taqbila" kien qalhieli Mikiel Agius, Bormliż fl-1971. Għall-bidu tas-snin ħamsin kien emigra lejn Detroit, Michigan (l-Amerka). F'din it-taqbila kien għen ukoll ħuh Neriku. Mikiel kien ħaddiem it-Tarzna Rjali ta' Malta fejn kien ħaddied; kien ukoll mastrudaxxa. Mikiel kien qalli taqbiliet oħra, fosthom waħda dwar 'id-Dar", taqbila twila li kienet tgħidha ommu. Meta kien ikun bil-burdata u kien jiftakar b'xi taqbila kien joqgħod jgħidhili bil-paċenzja kollha.

**TAQBILA MARITTIMA**

"Taqbila" oħra, din id-darba ta' xeħta marittima kien qalhieli missieri, John Dougall, Bormliż, fl-1949. Fiha naraw l-element tal-baħar u tissemma terminoloġija marittima, ta' partijiet tad-dgħajsa Maltija. Fiha kliem li kien użat l-aktar mill-balklori, l-baħħara u l-mastrudaxxi benneja tal-qxur tal-baħar. Donnha li dit-"Taqbila" kienet tintqal l-aktar mix-*shipwrights* fil-*boathouse* ta' taħt Kordin fit-Tarzna Rjali ta' Malta. Għandu mnejn li kienu jitgħallmuha bl-amment. X'aktarx li din it-"Taqbila" folkloristika, bħal bosta oħrajn, kienu jgħiduha b'deklamar, ukoll f'xi intervalli minn fuq ir-ribalta tal-palk waqt il-bdil tax-xeni.

## FOLKLOR BORMLIŻ: TAQBILA MARITTIMA

1. Xini m'hux karrakka,
Tartana m'hix pollakka,
Skuna m'hix birgantin,
U Xambekk m'hux xambekkin.

2. Firilla m'hix xprunara,
Gliesa m'hix stamnara,
Fregata m'hix vapur,
U boxxla m'hix pinnur.

3. Dgħajsa m'hix galjotta,
Gondla m'hix kanotta,
Ġifen m'hux galjun,
U ċattra m'hix barkun.

4. Lanċa m'hix frejgatina,
Gverta m'hix gabina,
Firjola m'hix paljor,
U gadraj m'huwiex barklor.

5. Bank m'huwiex pastiera,
Takka m'hix tappiera,
Arblu m'hux bastun,
U l-laċċ m'huwiex it-tmun.

6. Ġinta m'hix brazzola,
Rota m'hix parjola,
Ħolqa m'hix anell,
U battusa m'hix bardnell.

7. Żaqq m'hijiex karina,
Ċima m'hix katina,
Mażżra m'hix ankrott,
U min jorbot m'hux iħott.

8. Palella m'hijiex pala,
Kenura m'hijiex bagħla,
Girlanda m'hix iljun,
U margerita m'hix rużun.

9. Lavur m'huwiex tpinġija,
Issalpa mhux issijja,
Padrun m'hux argużin,
U min hu baħri m'hux morin.

10. Pruwa m'hijiex poppa,
Ħabel m'huwiex stoppa,
Battarjola m'hix battillar,
U tqalfit ma hux* xkatlar.

11. Mustaċċ ma hux spalliera,
Prim ma hux majjiera,
Zokk m'hux tamburett,
U flokk mahux trinkett.

12. Kabus ma hux tagħbija,
Tavlament m'hux biċċerija,
Lixka m'hijiex xbiek,
U luzzu m'hux kajjikk.

13. Is-sieq m'hijiex lampara,
Kurriġġa m'hix burdnara,
Il-kriesi m'hux is-sett,
U ħanżira m'hix farfett.

14. Stiva m'hix saborra,
Tinja m'hix inforra,
Luna m'hijiex qlugħ,
U qala' m'hix ilqugħ.

15. Bejta m'hix puppiera,
Palju ma hux bandiera,
Borgin m' huwiex sinjali,
U lanterna m'hix fanali.

16. Tmunier m'hux stromu,
Sufri m'humiex salvawomu,
Skużi m'humiex ċan,
U żebgħa m'hix qatran.

17. Rampil ma hux kurpara,
Ittella' lema * tvara,
Skalapiża m'hix pontun,
U magna m'hijiex skrun.

18. Tavlar m'huwiex kursija,
Maħżen m'hux fisqija,
Laqgħa m'hix urnar,
U maljetta m'hix ċumbar.

19. Falka m'hix makkarunetta,
Trankiera m'hix banketta,
Tarkija m'hix latin,
U ġog m'huwiex bokkin.

20. Tiġrija m'hix tellieqa,
Skall ma hux żurżieqa,
Skalm ma hux skalmott,
U min hu mxarrab m'huwiex xott!

* Ma hux u lema huma kliem djalettali

Bormliz